MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2712/2002

**Grazzio, Carmel, Mario, John u Paul ahwa Magro kif ezercenti in-negozju Firm Michael Magro**

**Vs**

**Rita Bonello**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta’ elf u erbgha u tletin lira Maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm1034.62), prezz ghall-bejgh u konsenja ta’ merkanzija.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehret ghas-seduti.

Ra n-nota li giet prezentata mill-atturi u li permezz taghha rriducew it-talba taghhom ghas-somma ta’ tmien mija u

erbgha u tletin lira Maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm834.62).

Semgha lill-avukat Dr. Anthony Cutajar jikkonferma bil-gurament li l-klijenti tieghi kkonfermawlu li l-ammont fuq imsemmi ghadu ma thallasx.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' tmien mija u erbgha u tletin lira Maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm834.62), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------